



Brussell, 5 ta' Diċembru 2019  
(OR. en)

14630/19

SOC 776  
EMPL 589  
SAN 496

**NOTA**

---

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	ST 14256/19
Suġġett:	Qafas Strateġiku ġdid tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali: It-titjib tal-implimentazzjoni tas-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali fl-UE - Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

It-test, ippreżentat fuq l-inizjattiva tal-Presidenza Finlandiża, kien hemm qbil dwaru mid-delegazzjonijiet fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) fl-4 ta' Diċembru 2019. Fil-paragrafu 14 u fl-aħħar paġna, saru bidliet editorjali meta mqabbel mad-dokument 14256/19. Dawn huma mmarkati b'**tipa grassa**.

Il-Kunsill EPSCO hu mistieden jadotta dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill fis-sessjoni tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2019.

# Qafas Strateġiku ġdid tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali: It-titjib tal-implimentazzjoni tas-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali fl-UE

## Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

### FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI

1. Il-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea huma fil-biċċa l-kbira protetti b'mod xieraq, fejn min iħaddem ikun responsabbli għas-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali (minn hawn 'il quddiem "SSO") fuq il-post tax-xogħol, minkejja d-differenzi fiċ-ċirkostanzi tax-xogħol bejn u fi ħdan l-Istati Membri u f'setturi differenti tal-ekonomija. Is-SSO hija pedament għall-benessri u l-protezzjoni tal-ħaddiema, u tikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-Unjoni.
2. Is-SSO huwa element importanti tal-Ekonomija tal-Benesseri. Il-Kunsill stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jinkludu perspettiva ta' Ekonomija tal-Benesseri fil-politiki nazzjonali u tal-Unjoni<sup>1</sup>.
3. L-investimenti fis-SSO jgħinu fil-prevenzjoni ta' mard relatat max-xogħol, aċċidenti u strapazz fiżiku u psikosoċjali ta' ħsara, u għandhom effett pożittiv tanġibbli fuq l-ekonomija billi jikkontribwixxu għal prestazzjoni aħjar u karrieri tax-xogħol sostenibbli. Is-SSO twassal għal inqas mard relatat max-xogħol, b'hekk jitnaqqas l-assenteiżmu, il-pensjonijiet tad-diżabilità, il-preżenteiżmu, l-għarfien espert mitluf u l-primjums tal-assigurazzjoni, u għalhekk jitnaqqsu l-ispejjeż. It-titjib kemm fis-sikurezza kif ukoll fis-saħħa fuq il-post tax-xogħol u fil-benesseri fuq il-post tax-xogħol iżid ukoll is-sodisfazzjon fix-xogħol tal-ħaddiema, l-impenn lejn min iħaddimhom u l-produttività.

---

<sup>1</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2019 "L-Ekonomija tal-Benesseri", ĠU C 400, 26.11.2019, p. 9

4. L-UE għandha leġislazzjoni estensiva fil-qasam tas-SSO. Ġie stabbilit qafas għas-SSO permezz tad-Direttiva 89/391/KEE (Direttiva Qafas<sup>2</sup>) biex jiġu introdotti miżuri li jinkoraġġixxu titjib fis-SSO billi jiġu stabbiliti prinċipji ġenerali dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema fl-UE. Id-Direttiva Qafas hija kkomplementata b'aktar minn 25 direttiva individwali li jkopru perikli speċifiċi fuq il-post tax-xogħol, attivitajiet speċifiċi, setturi b'riskji oġġla, u ċerti gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.
5. Il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2014-2020 kiseb riżultati importanti, b'mod partikolari billi ta direzzjoni lill-isforzi tal-Istati Membri lejn politiki nazzjonali dwar is-SSO aħjar u aktar effettivi. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri adottaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali bbażati fuq il-Qafas. Għalhekk huwa importanti li jiġi stabbilit Qafas Strateġiku ġdid tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post Okkupazzjonali għall-perijodu 2021-2027.
6. Bil-proklamazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (minn hawn 'il quddiem "il-pilastru"), il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni affermaw l-impenn qawwi tagħhom lejn id-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema u kundizzjonijiet tal-ġhajxien u tax-xogħol imtejba. Il-prinċipju 5 jissottolinja l-ħtieġa għal kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità, inkluż f'forom innovattivi ta' xogħol. Il-prinċipju 10 tal-pilastru jenfasizza d-dritt tal-ħaddiema għal "livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tagħhom fuq ix-xogħol" u għal "ambjent tax-xogħol adattat għall-bżonnijiet professjonali tagħhom u li jippermettilhom itawlu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol". Il-prinċipju 17 jenfasizza d-dritt tal-persuni b'diżabilità għal "servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, u ambjent tax-xogħol adattat għall-bżonnijiet tagħhom". Fl-Aġenda Strateġika 2019-2024, il-Kunsill Ewropew elenka l-implimentazzjoni tal-pilastru fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri fost l-azzjonijiet ta' prijorità.

---

<sup>2</sup> Direttiva dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol.

7. L-iffissar ta' valuri ta' limitu ta' espożizzjoni okkupazzjonali vinkolanti għall-karċinoġeni u l-mutaġeni prijoritarji kien titjib importanti ħafna fil-leġislazzjoni dwar is-SSO f'dawn l-aħħar snin. Il-valuri ta' limitu ta' espożizzjoni vinkolanti issa huma stabbiliti għal 25 sustanza. Dawn il-limiti ta' espożizzjoni għandhom inaqqsu r-riskju ta' miljuni ta' ħaddiema li jiżviluppaw il-kanċer. Il-ħidma fuq l-identifikazzjoni ta' aktar karċinoġeni u mutaġeni fuq il-post tax-xogħol u l-iffissar ta' valuri ta' limitu għalihom għalhekk jeħtieġ li jkomplu jkunu ta' prijorità għolja.
8. L-involvement tas-sħab soċjali huwa essenzjali għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-UE. Permezz ta' dan, it-tfassil tal-liġijiet u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni jistgħu jkunu bbażati fuq għarfien realistiku tal-ħtiġijiet attwali. Tali involvement jiżgura wkoll li s-sħab soċjali jkunu impenjati għall-iżvilupp u l-progress tas-SSO.

## **FILWAQT LI JFAKKAR LI**

9. Il-bidliet rapidi u attwali fis-suq tax-xogħol, inkluż id-diġitalizzazzjoni u l-użu akbar tal-intelliġenza artifiċjali, jistgħu jagħtu opportunitajiet u potenzjal pożittivi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Id-dehra ta' professjonijiet ġodda u metodi ġodda ta' xogħol, in-numru dejjem akbar ta' tipi ta' postijiet tax-xogħol u forom ta' xogħol ġodda (f'oqsma bħal subkuntrattar, xogħol diġitali, esternalizzazzjoni miftuħa (crowd-work), xogħol fuq talba, u l-ekonomija ta' kondiviżjoni u pjattaforma) u l-għadd kbir ta' persuni li jaħdmu għal rashom hija sfida. Il-miżuri għall-protezzjoni tal-ħaddiema u l-leġislazzjoni dwar is-SSO, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik il-leġislazzjoni, mhux dejjem ilaħqu ma' dawn il-bidliet. Barra minn hekk, ix-xogħol mhux iddikjarat huwa relatat ma' riskji tas-SSO għoljin b'mod sinifikanti. Fl-istess ħin, xi wħud mid-direttivi eżistenti tal-UE bħad-Direttiva dwar il-Post tax-Xogħol (89/654) u d-Direttiva dwar Tagħmir li għandu Display Screen (90/270), huma skaduti.

10. Il-mikrointrapriżi u l-SMEs jirrappreżentaw kważi 93 % tal-intrapriżi kollha fl-UE<sup>3</sup>. Dawn ta' spiss ma jkollhomx l-għarfien u r-riżorsi biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-SSO, u b'hekk jiffaċċjaw sfidi fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar is-SSO. Il-mikrointrapriżi u l-SMEs huma ferm eteroġeni. Huma attivi f'oqsma differenti ħafna, u ċ-ċirkostanzi reġjonali u lokali jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli. Konsegwentement, ma hemmx soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd. Barra minn hekk, li jikkonformaw mal-obbligi tas-SSO huwa spiss meqjus mill-intrapriżi bħala spiża mhux meħtieġa aktar milli investment bi profit.
11. Ħafna drabi hemm nuqqas ta' evidenza solida u data komparabbli dwar is-SSO. Dan jgħodd speċjalment għall-istatistika dwar l-inċidenti u l-mard okkupazzjonali. L-EU-OSHA bħalissa qed tiżviluppa l-barometru tas-SSO (OSH barometer), li għandu jtejjeb il-bażi tad-data. Barra minn hekk, il-Eurostat<sup>4</sup> nieda studju metodoloġiku dwar il-problemi ta' nuqqas ta' rappurtar. It-tnejn li huma ser itejbu l-bażi ta' evidenza tal-politiki dwar is-SSO.
12. Ir-riskji psikosoċjali u l-istress relatat max-xogħol huma fost l-iktar tħassib ta' sfida u li dejjem jikber fir-rigward tas-SSO. Madwar nofs il-ħaddiema kollha fl-UE jqisu li l-istress relatat max-xogħol huwa sfida komuni fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Aktar minn kwart tal-ħaddiema kollha jirrappurtaw li jesperjenzaw stress relatat max-xogħol il-ħin kollu jew fil-biċċa l-kbira tal-ħin tax-xogħol tagħhom. Il-kawżi ta' stress fuq il-post tax-xogħol l-aktar imsemmija huma l-inċertezza tal-impjieg, is-siġhat twal jew irregolari ta' xogħol, l-ammont eċċessiv ta' xogħol, u l-fastidju u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol. Kważi 80 % tal-postijiet tax-xogħol fl-UE28 jidentifikaw mill-inqas fattur ta' riskju psikosoċjali wieħed li huwa preżenti fl-organizzazzjoni tagħhom. Madankollu, 76 % biss tal-postijiet tax-xogħol fl-UE28 jirrappurtaw li jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju b'mod regolari. Minn dawn il-postijiet tax-xogħol, madwar żewġ terzi biss jirrappurtaw li jinkludu riskji psikosoċjali f'dawk il-valutazzjonijiet, parzjalment minħabba nuqqas ta' informazzjoni jew għodod adegwati li bihom jittrattaw b'mod effettiv dawn ir-riskji<sup>5</sup>.

---

<sup>3</sup> Eurostat, kodiċi ta' data online sbs\_sca\_r2, sena ta' referenza 2019.

<sup>4</sup> Eurostat, EStat/F5/ESAW/201904.

<sup>5</sup> It-Tieni Stħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER-2). EU-OSHA, 2016.

13. In-nisa ta' spiss jaħdmu f'setturi differenti fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-riskji tas-SSO huma differenti minn dawk esperjenzati mill-irġiel. Dan, u l-fatt li ħafna drabi jkollhom kompiti differenti minn tal-irġiel anki meta jaħdmu fl-istess settur jew professjoni, jirriżulta f'fatturi ta' riskju fiżiċi u psikosoċjali differenti għall-irġiel u għan-nisa. Barra minn hekk, ħafna nisa jiffaċċjaw fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Bejn 45 % u 55 % tan-nisa fl-UE28 esperjenzaw fastidju sesswali sa mill-età ta' 15-il sena u 32 % ta' dawn in-nisa jiddikjaraw li l-awtur kien xi ħadd fuq il-post tax-xogħol<sup>6</sup>.
14. L-esponiment għal movimenti ripetittivi, pożizzjonijiet ta' għejja u ta' uġiġħ kif ukoll ġarr jew ċaqliq ta' tagħbijiet tqal għadhom jikklassifikaw fost l-aktar fatturi ta' riskju fiżiċi okkupazzjonali prevalenti fl-UE<sup>7</sup>. Id-**disturbi** muskuloskeletalni (minn issa 'l quddiem MSD) huwa t-tip l-aktar prevalenti ta' problema tas-saħħa relatata max-xogħol<sup>8</sup>. Fost il-ħaddiema fl-UE li jirrappurtaw li għandhom problema ta' saħħa relatata max-xogħol, 60 % jsemmu l-MSDs bħala l-aktar sfida serja tagħhom. Id-direttivi tal-UE li għandhom l-għan li jipprevjenu l-MSDs relatati max-xogħol huma skaduti.
15. Il-kanċer għadu l-kawża ewlenija ta' mwiet relatati max-xogħol fl-UE. L-ispejjeż annwali relatati madwar l-UE għan-nefqa fuq il-kura tas-saħħa u t-telf fil-produttività huma stmati li jammontaw bejn EUR 4 biljun u EUR 7 biljun. Minbarra l-karċinoġeni, il-ħaddiema jistgħu jkunu esposti għal varjetà ta' sustanzi perikolużi oħra fil-postijiet tax-xogħol. Sfidi ġodda potenzjali għall-ġestjoni ta' sustanzi perikolużi, bħal sustanzi reprotossiċi u n-nanomaterjali, qed isiru wkoll problema fil-postijiet tax-xogħol. Il-leġislazzjoni dwar is-SSO tal-UE u l-leġislazzjoni tagħha dwar is-sustanzi kimiċi xi drabi jiġġeneraw duplikazzjoni jew saħansitra rekwiżiti kontradittorji, li jriskjaw li joħolqu konfużjoni, piż amministrattiv u inċertezza legali. Barra minn hekk, is-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema esposti għal sustanzi perikolużi mhijiex dejjem regolari u sistematika, b'mod partikolari meta l-ħaddiema ma jibqgħux esposti għal dawk is-sustanzi, eż, meta jkunu bidlu l-impjeg jew jirtiraw.

---

<sup>6</sup> Rapport tal-2018 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-UE. Il-Ġustizzja u l-Konsumaturi. Kummissjoni Ewropea, 2018.

<sup>7</sup> European Working Conditions Survey (Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol - EWCS). Eurofound 2015.

<sup>8</sup> The European Union Labour Force Survey (Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Forza tax-Xogħol) (EU-LFS) 2013.

16. B'bidla demografika kontinwa, hemm bżonn li jiġu promossi karrieri tax-xogħol itwal sabiex tintuża l-forza tax-xogħol disponibbli kollha, inkluż aktar u aktar ħaddiema li għandhom aktar minn 65 sena. Għalhekk, l-għadd u l-proporzjon ta' ħaddiema ikbar fl-età qed jiżdied b'rata mgħaġġla. Hemm çans li ħaddiem ikbar fl-età ma jkunx jista' jkompli xogħol li jeħtieġ saħħa fiżika, iżda jista' jkun lest u kapaċi jagħmel xogħol ieħor li huwa inqas eżiġenti fiżikament. Attwalment, il-prattiki u l-metodi ta' ħidma ta' spiss ma jagħmluhiex possibbli, attraenti, interessanti u motivanti għall-ħaddiema ikbar fl-età u dawk b'diżabilità parzjali jew b'mard kroniku biex ikomplu jaħdmu jew jirritornaw għax-xogħol.
17. L-ispetturi tax-xogħol għandhom firxa wiesgħa ta' funzjonijiet biex jipromwovu u jgħinu biex tiġi żgurata l-konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali, f'oqsma bħas-SSO, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u wkoll aspetti oħra tal-impjieg, u r-riżorsi tagħhom jistgħu xi kultant ikunu limitati. Riskji ġodda u forom ġodda ta' xogħol jippreżentaw sfidi addizzjonali għal spezzjoni tax-xogħol effettiva, filwaqt li qed jitfaċċaw approċċi ġodda li jikkumplementaw il-mezzi tradizzjonali u l-metodi ta' infurzar.

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA**, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija u r-rwol tas-sħab soċjali, il-kompetenza nazzjonali u l-mudelli differenti tas-suq tax-xogħol tal-Istati Membri,

Sabiex tiġi indirizzata l-isfida tad-dinja tax-xogħol li qed tinbidel, biex

18. **JISTINKAW** biex itejbu l-protezzjoni tal-ħaddiema kollha, b'mod partikolari l-ħaddiema f'forom atipiċi ta' impjieg u l-ħaddiema f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bil-għan li jkopruhom u jipproteġuhom b'mod xieraq u adegwat permezz ta' miżuri tas-SSO.
19. **JINDIRIZZAW** ir-riskji ġodda relatati mas-SSO tal-bidla fil-prattiki u t-teknoloġiji tax-xogħol b'mod effettiv u proattiv, anke fi proġetti u programmi ffinanzjati mill-UE, kif xieraq.
20. **JIBNU** b'mod aktar komprensiv fuq l-evidenza u d-data sabiex jitjiebu l-istrateġiji tas-SSO, il-pjanijiet ta' azzjoni, il-leġislazzjoni u l-gwida.

Sabiex l-SMEs u l-mikrointrapriżi jiġu meġhuna, filwaqt li jnaqqsu l-piż amministrattiv mhux meħtieġ, biex jipproteġu b'mod xieraq il-ħaddiema tagħhom u biex idawru l-miżuri tas-SSO f'żidiet fil-prestazzjoni u l-produttività, biex

21. JISTABBILIXXU pjan ta' azzjoni tal-UE u pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali li jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ta' implimentazzjoni tal-obbligi tas-SSO. Dawn il-pjanijiet ta' azzjoni jistgħu jkunu parti mill-qafas strateġiku tal-UE dwar is-SSO u l-istrateġiji nazzjonali tas-SSO.
22. JIŻVILUPPAW, abbażi tal-ħtiġijiet attwali, għodod imfassla apposta, b'mod partikolari għodod online bħall-OIRA, biex jgħinu lill-mikrointrapriżi u lill-SMEs biex jintegraw il-kwistjonijiet tas-SSO fl-istrateġiji, il-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju tagħhom kif ukoll biex jgħinuhom jimplementaw miżuri tas-SSO fix-xogħol ta' kuljum.
23. JUŻAW il-fondi tal-UE, fejn xieraq, biex jipromwovu l-implimentazzjoni effiċjenti tas-SSO, billi jappoġġaw, pereżempju, is-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ.
24. JIŻVILUPPAW metodi u JAQSMU għarfien espert dwar kif jiżguraw, fil-katini tal-provvista, il-konformità ma' standards għolja tas-SSO minn sottokuntratturi u konsorzji.

Sabiex jiġu eliminati l-perikli u jiġi evitat il-mard, inkluż il-kanċer li jirriżulta mill-użu ta' sustanzi perikolużi fil-postijiet tax-xogħol, biex

25. JIMPLIMENTAW u JISSORVELJAW b'mod effettiv il-valuri ta' limitu vinkolanti u indikattivi kollha eżistenti tal-UE.
26. JIĠBRU u JIKKOMPILAW data, informazzjoni u statistika dwar il-perikli u r-riskji kif ukoll dwar miżuri preventivi u l-ġestjoni ta' sustanzi perikolużi.

Sabiex tiġi indirizzata l-isfida tar-riskji psikosoċjali u tax-xogħol - l-aċċidenti u l-mard relatati, inkluż l-MSDs, biex

27. ITEJBU l-metodi statistiċi, fejn rilevanti inkluż indikaturi li huma komparabbli madwar l-UE, biex titkejjel u tiġi mmonitorjata l-prestazzjoni tas-SSO f'termini ta' aċċidenti u mard okkupazzjonali u fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati mal-ambjent tax-xogħol.
28. ISAĦĦU l-kooperazzjoni bejn l-esperti tas-SSO, l-esperti tal-impjiegi u tas-saħħa u l-awtoritajiet kompetenti sabiex jitqiesu b'mod ġenerali l-opportunitajiet, l-isfidi u l-ħtiġijiet relatati mal-gwida, it-trattament, ir-riabilitazzjoni u r-ritorn għax-xogħol tal-ħaddiema.

Sabiex jitqies l-aspett tal-ġeneru fis-SSO u l-ġlieda kontra l-fastidju, inkluż il-fastidju sesswali, u l-bullying fuq il-postijiet tax-xogħol, biex

29. JIPPROMWOVU b'mod attiv ir-rispett sħiħ għall-prinċipji tal-ugwaljanza bejn is-sessi u nondiskriminazzjoni u jieħdu l-miżuri meħtieġa bil-għan li jiġu eliminati l-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol, f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali.
30. IĦEĠĠU lil min iħaddem biex jinkludu perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-ġestjoni tas-SSO b'enfasi partikolari fuq l-organizzazzjoni tax-xogħol.

**JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:**

31. **biex TADOTTA Qafas Strateġiku ġdid tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali għall-perijodu 2021 - 2027, b'attenzjoni partikolari għall-isfidi identifikati f'dawn il-konklużjonijiet.**

Sabiex tiġi indirizzata l-isfida ta' dinja tax-xogħol li qed tinbidel, biex

32. TKOMPLI ttejjeb ir-rekwiżiti minimi dwar is-SSO u taġġorna l-leġislazzjoni dwar is-SSO bħad-Direttivi dwar il-Post tax-Xogħol (89/654) u d-Direttiva dwar Tagħmir li għandu Display Screen (90/270).
33. TINDIRIZZA, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-Aġenziji kompetenti tal-Unjoni u l-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH), l-isfidi tas-SSO maħluqa minn forom ġodda ta' xogħol u l-implikazzjonijiet tagħhom.

Sabiex tiġi indirizzata l-isfida tar-riskji psikosoċjali u l-aċċidenti u l-mard relatati max-xogħol, inkluż l-MSDs, biex

34. TOĦROĠ Komunikazzjoni dwar il-fatturi ta' riskju psikosoċjali, il-valutazzjoni tar-riskju, il-ġestjoni tar-riskju u r-riżorsi psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, b'enfasi speċifika fuq l-isfidi li jirriżultaw minn dinja tax-xogħol li qed tinbidel.
35. TIPPROPONI Strateġija dwar is-Saħħa Mentali għall-Unjoni, filwaqt li tqis l-impatti transettorjali ta' politiki differenti, inkluż is-SSO, fuq is-saħħa mentali.
36. TIPPROVDI materjal ta' gwida ergonomika dwar l-MSDs, inkluż b'mod partikolari sensibilizzazzjoni, għodod prattiċi, edukazzjoni u taħriġ, minbarra l-materjal relatat ma' xogħol manwali jew fuq display-screen.
37. TINKLUDI fil-Qafas Strateġiku ġdid tal-UE dwar is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali, approċċi ta' Viżjoni Żero fir-rigward ta' inċidenti fatali u mard fatali fuq il-post tax-xogħol, bil-punti fokali ewlenin fuq il-promozzjoni tal-kultura ta' prevenzjoni u fuq it-titjib tal-kultura tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u l-iskambju tal-aħjar prattiki.

Sabiex jiġu eliminati l-perikli u jiġi evitat il-mard, inkluż il-kanċer li jirriżulta mill-użu ta' sustanzi perikolużi fil-postijiet tax-xogħol, biex

38. TIPPROPONI aktar valuri ta' limitu vinkolanti għal karċinoġeni ta' prijorità u sustanzi perikolużi oħra, ibbażati fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq evidenza xjentifika aġġornata, u TAĠĠORNA l-valuri ta' limitu eżistenti, jekk meħtieġa għall-protezzjoni tal-ħaddiema.
39. TIŻVILUPPA gwida dwar il-kejl tal-valuri ta' limitu vinkolanti introdotti fil-livell Ewropew, inkluż, fejn rilevanti, il-valuri ta' limitu bijoloġiku.
40. TIĊĊARA l-interfaċċa bejn is-SSO u l-leġislazzjoni ta' REACH u TTEJEB il-koordinazzjoni billi jiġu żviluppata proċeduri u kriterji trasparenti li għandhom jintużaw fl-għażla l-aktar xierqa tal-opzjonijiet regolatorji speċifiċi għas-sustanza.

#### **JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI:**

Sabiex tiġi indirizzata l-isfida tad-dinja tax-xogħol li qed tinbidel, biex

41. JADOTTAW u JTEJBU kontinwament strateġiji u politiki nazzjonali dwar is-SSO.
42. JIPPREVEDU li l-ispettorati nazzjonali tax-xogħol ikollhom riżorsi xierqa, u l-ispetturi jkunu mħarrġa u infurmati dwar metodi aġġornati ta' spezzjoni u sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda u forom ġodda ta' xogħol.

Sabiex l-SMEs u l-mikrointrapriżi jiġu meġhuna, filwaqt li jnaqqsu piż amministrattiv mhux meħtieġ, biex jipproteġu b'mod xieraq il-ħaddiema tagħhom u biex idawru l-miżuri tas-SSO f'żidiet fil-prestazzjoni u l-produttività, biex

43. JIFFAĊILITAW, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali, l-aċċess tal-mikrointrapriżi u l-SMEs għal għodod ta' gwida u finanzjament fir-rigward tat-titjib tal-ġestjoni tal-attivitajiet tas-SSO tagħhom.

44. JIPROMWOVU l-benefiċċji tas-SSO b'saħħithom f'termini ta' kompetittività, b'mod partikolari sabiex issaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi u l-investituri, ittejjeb ir-reputazzjoni tal-intrapriżi li tippermettilhom li jiksbu suċċess akbar f'termini ta' bejgħ u reklutaġġ, u tnaqqas l-ispejjeż li jirriżultaw minn diżabilità u assenteiżmu.
45. IRAWMU l-ħiliet u l-għarfien ta' min iħaddem fir-rigward tal-obbligi u l-aħjar prattiki fil-ġestjoni ta' attivitajiet tas-SSO.
46. JAPPOĠĠAW fornituri esterni tas-servizzi tas-SSO, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali, fl-iżvilupp u t-titjib tas-servizzi tagħhom sabiex ikunu jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet speċifiċi u mfassla apposta għall-SMEs.

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi fir-rigward tar-riskji psikosoċjali u s-saħħa mentali u biex jiġu evitati l-aċċidenti u l-mard relatati max-xogħol, b'mod partikolari l-MSDs, biex

47. ITEJBU l-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni ta' mard relatat max-xogħol speċjalment fir-rigward ta' riskji psikosoċjali u ergonomiċi bħala parti mill-valutazzjoni tar-riskju obligatorja mwettqa fil-postijiet tax-xogħol.
48. ITEJBU l-kollaborazzjoni bejn min iħaddem u l-esperti tal-kura tas-saħħa bil-għan li jitnaqqsu l-mard u l-inċidenti relatati max-xogħol, b'attenzjoni partikolari għad-disturbi mentali u l-MSDs.
49. JIPROMWOVU approċċ ta' Viżjoni Żero biex jintlaħaq l-oġettiv ambizzjuż li tiġi evitata kull ħsara fuq il-post tax-xogħol.
50. IŻIDU l-għarfien dwar l-MSDs fuq ix-xogħol u JNAQQSU r-riskji relatati matul il-ħajja, b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni bejn l-esperti u l-istrutturi tal-impjiegi, tas-saħħa u tal-edukazzjoni.

Sabiex jiġu eliminati l-perikli u jiġi evitat il-mard, inkluż il-kanċer, li jirriżulta mill-użu ta' sustanzi perikolużi fil-postijiet tax-xogħol, biex

51. ITEJBU, skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali, il-kopertura tal-ħaddiema mis-sorveljanza tas-saħħa matul ħajjithom, u, b'mod partikolari għal dawk il-ħaddiema li jkunu ġew esposti għal sustanzi perikolużi speċifiċi, inkluż għall-perijodu wara t-tmiem tal-espożizzjoni, sakemm il-prattikant mediku jew l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema jqisu li dan ikun meħtieġ biex tiġi salvagwardjata s-saħħa tal-ħaddiema kkonċernati.
52. JENFASIZZAW l-importanza ta' valutazzjoni tar-riskju u l-ġerarkija ta' miżuri preventivi fil-prevenzjoni ta' inċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol.

Sabiex il-postijiet tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol jiġu adattati għal forza tax-xogħol li qed tixjieħ, u wkoll biex il-persuni li qabel kienu inattivi u b'diżabilità jiġu mħeġġa biex jaħdmu, biex

53. IŻOMMU u JTEJBU l-kapaċità ta' xogħol permezz ta' strateġiji u miżuri nazzjonali tas-SSO sabiex tinkiseb ħajja tax-xogħol li tkun inklużiva għall-ħaddiema ta' kull età biex jissodisfaw l-isfidi tas-SSO relatati ma' żviluppi demografiċi, u JAPPOĠĠAW miżuri li jippermettu lil dawk li saħħithom tkun sejra lura jew li għandhom diżabilitajiet jipparteċipaw u jikkontribwixxu.
54. JINKORAĠĠIXXU lil min iħaddem, filwaqt li jżommu livell għoli u xieraq ta' protezzjoni u f'konformità mal-liġi tax-xogħol u skont il-liġijiet u l-prattiki nazzjonali, biex jippermettu Prattiki tax-xogħol flessibbli u sostenibbli u opportunitajiet ta' xogħol mid-dar sabiex jgħinu lill-ħaddiema jibqgħu fl-impjieg għal żmien itwal.
55. ISAĦĦU l-bażi ta' għarfien ta' min iħaddem biex jappoġġaw il-kapaċità għax-xogħol u r-ritorn għax-xogħol wara l-liv minħabba mard, u JTEJBU kooperazzjoni transsettorjali bejn oqsma ta' politika differenti sabiex titnaqqas id-diskriminazzjoni u jitravmu opportunitajiet indaqs ta' impjieg għal persuni b'kapaċità ta' xogħol parzjali jew ristretta, inklużi dawk bi problemi ta' saħħa mentali.

**JISTIEDEN LIS-SĦAB SOĊJALI**, filwaqt li jirrispetta l-awtonomija, il-kompetenzi u t-tradizzjonijiet nazzjonali tagħhom, biex

56. IKOMPLU jkollhom rwol attiv fl-implimentazzjoni u t-titjib tas-SSO, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti u partijiet ikkonċernati xierqa oħra.
57. IKOMPLU jieħdu sehem fl-isforzi sabiex jiżguraw kundizzjonijiet ta' xogħol sikuri u deċenti.
58. JIKKOOPERAW b'mod attiv fil-livell tal-intrapriżi, lokali, reġjonali, nazzjonali, tal-UE u globali fid-diversi fora u f'fora rilevanti li jittrattaw s-SSO.
59. JINVOLVU RUĦHOM b'mod attiv fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji u politiki nazzjonali dwar is-SSO, u jappoġġaw u jħeġġu l-promozzjoni ta' kultura ta' prevenzjoni u jieħdu sehem fil-ġabra ta' data statistika.
60. JIPPROVDU appoġġ, u fejn xieraq, taħriġ lil min iħaddem u lill-ħaddiema, inkluż ir-rappreżentanti tas-SSO tal-ħaddiema, sabiex jiġu promossi l-ġharfien, il-ħiliet u l-miżuri neċessarji għall-identifikazzjoni, l-evalwazzjoni u l-kontroll tar-riskji għas-SSO.

## Referenzi

Direttiva **tal-Kunsill** 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ("Direttiva Qafas" OSH)

Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2014-2020: Adattament għal sfidi ġodda

Lejn saħħa u sikurezza aħjar fuq il-post tax-xogħol - Opinjoni dwar Prijoritajiet Futuri tal-Politika dwar is-SSO tal-UE. Dokument ta' Strateġija Nru. 1048/19 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Iktar Saħħa u Sikurezza fuq ix-Xogħol għal Kulħadd - Modernizzazzjoni tal-Politika u tal-Leġislazzjoni tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali (COM(2017) 12 final)

Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Marzu 2015 dwar il-"Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2014-2020: Adattament għal sfidi ġodda"

Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Settembru 2015 dwar "Aġenda ġdida għas-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol biex Nippromwovu Kundizzjonijiet tax-Xogħol Aħjar"

Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2019 "Id-dinja tax-xogħol li qed tinbidel: riflessjonijiet fuq forom ġodda ta' xogħol u l-implikazzjonijiet għas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema"

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2019 "L-Ekonomija tal-Benesseri", ĠU C 400, 26.11.2019, p. 9